

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: V. Di Bucci u D. Grespan, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/134/UE, tal-24 ta' Marzu 2010, dwar l-għajjnuna mill-Istat C 4/03 (ex NN 102/02) implimentata mill-Italja favur Wam Spa (ĠU 2011, L 57, p. 29)

Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) Ir-Repubblika Taljana hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 221, 14.08.2010

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' Settembru 2012 — Wam Industriale vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-303/10) (¹)

(“Għajjnuna mill-Istat — Stabbiliment ta' impriża f'ċerti Stati terzi — Self b'rata mnaqqsa — Deċiżjoni li tiddikjara l-għajjnuna parzjalment inkompatibbli mas-suq komuni u torndna l-irkupru tagħha — Deċiżjoni meħuda wara l-annullament mill-Qorti Ġenerali tad-deċiżjoni inizjali dwar l-istess proċedura — Eżekuzzjoni ta' sentenza tal-Qorti Ġenerali — Obbligu ta' motivazzjoni — Prinċipju ta' amministrazzjoni tajba — Dmir ta' diliġenza — Dmir ta' premura”)

(2012/C 355/53)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: Wam Industriale SpA (Modena, l-Italja) (rappreżentanti: G. M. Roberti u I. Perego, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: V. Di Bucci u D. Grespan, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/134/UE, tal-24 ta' Marzu 2010, dwar l-għajjnuna mill-Istat C 4/03 (ex NN 102/02) implimentata mill-Italja favur Wam Spa (ĠU 2011, L 57, p. 29).

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Wam Industriale SpA hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 246, 11.09.2010

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-2 ta' Ottubru 2012 — ELE.SIA vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-312/10) (¹)

(“Klawżola ta' arbitraġġ — Is-Sitt programm kwadru multiannwali tal-Komunità Ewropea għal azzjonijiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni li jikkontribwixxu għar-realizzazzjoni taż-żona Ewropea tar-riċerka u l-innovazzjoni (2002-2006) — Kuntratt li jirrigwarda il-proġett ‘I-Way, Intelligent, co-operative system in cars for road safety’ — REXXISSJONI ta' kuntratt — Talba għal rimbors tal-kontribuzzjoni finanzjarja mħallsa — Danni — Rikors intiż għall-akkwist tal-kontribuzzjoni finanzjarja kollha mitluba u għall-kontestazzjoni tat-talba għal rimbors — Kontrotalba”)

(2012/C 355/54)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrent: Elettronica e sistemi per automazione (ELE.SIA) SpA (Guidonia Montecelio, l-Italja) (rappreżentanti: P. Tomassi, S. Baratti u P. Caprile, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Aresu u A. Sauka, aġenti)

Suġġett

Talba intiża għall-ħlas tal-kontribuzzjoni finanzjarja li r-rikorrenti tippretendi li tista' titlob skont il-kuntratt Nru 27195, konkluż fit-13 ta' Diċembru 2005 bejn il-Kummissjoni u r-rikorrenti, relatat mal-proġett ta' riċerka msejjaħ “I-Way, Intelligent, co-operative system in cars for road safety”, kif ukoll kontrotalba intiża għar-rimbors ta' parti mill-kontribuzzjoni finanzjarja mħallsa kif ukoll għall-ħlas tad-danni.

Dispożittiv

- (1) Ir-rikors ippreżentat minn Elettronica e sistemi per automazione (ELE.SIA) SpA huwa miċħud.
- (2) ELE.SIA hija kkundannata tħallas lill-Kummissjoni Ewropea s-somma ta' EUR 184 129,74, flimkien mal-interessi dekorribbli mit-18 ta' Mejju 2010, kif ukoll somma ta' EUR 7 344,46, flimkien mal-interessi dekorribbli mit-18 ta' Mejju 2010.
- (3) ELE.SIA hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 260, 25.9.2010.